

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/1231****tat-13 ta' Settembru 2018**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 tat-30 ta' Awwissu 2017 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 329/2007<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 47(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-30 ta' Awwissu 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/1509.
- (2) Fit-8 ta' Awwissu 2018, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("KSNU") stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 1718 (2006) tal-KSNU emenda l-annotazzjoni ta' entità waħda soġġetta għal miżuri restrittivi.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness XIII għar-Regolament (UE) 2017/1509 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

L-Anness XIII għar-Regolament (UE) 2017/1509 huwa b'dan emendat kif indikat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Settembru 2018.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BOGNER-STRUSS

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 224, 31.8.2017, p. 1.

## ANNESS

Fl-Anness XIII għar-Regolament (UE) 2017/1509, entrata 71 taħt l-intestatura “(b) Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi” tinbidel b'dan li ġej:

	Isem	Magħruf ukoll bħala	Post	Data tad-deżin-jazzjoni min-NU	Informazzjoni oħra
“71.	PRO-GAIN GROUP CORPORATION			30.3.2018	Kumpannija li tappartjeni lil Tsang Yung Yuan jew ikkontrollata minnu u involuta fi trasferimenti illeċċiti ta' faħam tar-RDPK.”.